


# Il-Via Sagra fil-Knisja tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa

*Pawlu Dimech*

L-insara dejjem kellhom imħabba lejn il-passjoni u l-qawmien ta' Ġesù Kristu. Sa mill-ewwel sekli tal-kristjaneżmu kienu jmorru jżuru l-postijiet marbuta ma' din il-ġrajja kbira tas-Salvazzjoni tal-bnedmin. Mit-tnax sal-erbatax-il seklu kienu diversi li żaru l-Art Imqaddsa u semmew it-Triq tas-Salib u l-indulġenza marbuta magħha.

Fl-1342 il-Franġiskani ġew afdati f'idejhom il-postijiet Imqaddsa u kabbru d-devozzjoni lejn l-istazzjonijiet tal-passjoni jew il-Via Dolorosa kif inhi magħrufa hemmhekk. Il-kelma 'stazzjon' bdiet tissemma wara l-1458



*Is-Salib tal-Via Sagra*



*It-XII-il stazzjon*

meta William Wey ta tagħrif dwar il-mixja mill-kalvarju sad-dar ta' Pilatu fil-Palestina li wara bdiet issir bil-kontra. Iżda tul iż-żmien, minħabba diversi raġunijiet, fosthom il-vjaġġi twal, il-mard, l-inkwiet u l-ħbit tal-Musulmani, il-pellegrini ma baqgħux iżuru l-Art Imqaddsa. Għalhekk sabu mezz ieħor f'pajjiżhom stess. Hekk ġara fil-monasteru ta' San Stiefnu f'Bologna meta nbnew grupp ta' kappelli żgħar li jfakkru l-passjoni u bdew jissejħu 'Hierusalem'.

Fl-1520 il-Papa Ljun X ta l-indulġenza lil kull sett tal-Via Sagra. L-istazzjonijiet mhux dejjem kienu erbatax iżda ġieli ħafna iżjed jew inqas. Fl-1584 ħareġ ktieb minn Adrichomices li juri tnax-il stazzjon. Fl-1726 il-Papa Benedittu XIII

ta l-privileġġ lill-Franġiskani Minuri biex iwaqqfu l-erbatax-il stazzjon tal-passjoni fil-knejjes tagħhom u fl-1731 il-Papa Klement XII fetaħha għall-knejjes kollha, basta jitwaqqfu taħt il-ħarsien tagħhom.

Il-Via Sagra bdiet tiġi skolpita u mpittra f'ħafna knejjes, inkluż fil-gżejjer Maltin. Fil-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa nsibu li l-ewwel Via Sagra kienet tħallset mill-benefatturi Lorenzo u Marija Carmela Balbi. Din kienet tal-forma komuni u xi ftit żgħira għall-knisja. Wara nġabet Via Sagra bi gwarniċi kbar iżda għal xi raġuni ma kinitx intgħoġbot. Tnax mill-gwarniċi llum jinsabu fis-Sagristija bil-pittura tal-appostli waqt li l-pitturi li kellhom jinsabu fi djar privati.

Is-sett li naraw illum fil-knisja kien inxtara mill-knisja ta' Portu Salvu (San Duminku) il-Belt Valletta mill-prokuratur Patri Rafel Hockey, Kapuċċin. Il-Via Sagra għandha gwarniċi skolpiti fl-injam u ndurati bid-deheb. Din inħadmet u tpittret fl-1873 u fil-fatt fl-ewwel kwadru, fil-ġenb isfel, insibu d-data 1873 u l-firma R.C. Interessanti li l-pittura hija fuq l-istess tpinġijiet ta' Johann Friedrich Overbeck, artist importanti li jifforma parti mill-grupp ta' artisti tan-Nazzareni. Għalhekk il-pittur tal-Via Sagra li nsibu fil-knisja tal-Marsa ffirma l-inizjali ta' R.C. kif kienu jiffirmaw l-istess artisti msejħa Nazzareni.

Skont ir-riċerkatriċi li għamlet studju fuq il-Via Sagri fil-parroċċi Maltin, is-Sinjura Georgina Pavia, din tal-Marsa sabet li hija tal-pittur Malti Raffaele Caruana. Dan ikkonfermah it-tutur tagħha, is-Sur Mark Sagona, li sab referenzi meta d-Dumnikani kienu qabdu lil ċertu Caruana biex ipitter l-erbatax-il stazzjon tal-Via Sagra. Referenza oħra ssemmi li Raffaele Caruana tħallas żewġ liri u żewġ xelini għal kull pittura. Raffaele twieled f'Ruma l-Italja fl-1820, iben Pietru Pawl Caruana. Huwa studja l-Akkademja ta' San Luca f'Ruma. Meta ġie Malta beda jpitter kwadri għall-knejjes u fosthom insibu l-adorazzjoni tal-Maġi fil-knisja ta' San



*L-I stazzjon bil-firma ta' R.C., 1873*



*Il-XI-il stazzjon - Pittura ta' Raffaele Caruana, 1873*



*Il-XI-il stazzjon - Pittura ta' Gużeppi M. Caruana, 1931*



*L-XIV-il stazzjon*

Duminku l-Belt, it-tlugħ fis-sema ta' Ġesù fil-knisja ta' Lapsi f'San Ġiljan u l-Madonna ta' Loretu fil-knisja ta' Santa Libertà l-Kalkara. Huwa miet fl-1886.

Meta nxtrat, Patri Rafel Hockey kien għamel akkwist tajjeb għall-knisja tagħna għalkemm tħallset somma kbira għal dak iż-żmien. Wieħed mill-istazzjonijiet, li huwa n-numru ħdax (XI) fejn naraw lil Ġesù jiġi msallab, kien ġie mibdul aktarx għar-raġuni li Ġesù qed jiġi msallab bilwieqfa. Illum dan il-kwadru jinsab ikkonservat fil-mużew tal-parroċċa. Minfloku kien tqabbad il-pittur Ġużeppi Marija Caruana li pitter il-pittura tal-ħdax-il stazzjon li juri lil Ġesù jiġi msallab mimdud fuq is-salib. Fil-ġenb, 'l isfel tal-kwadru, hemm il-firma tiegħu u d-data 1931.

Il-pittur Ġużeppi Marija Caruana twieled iż-Żejtun fl-24 ta' Diċembru 1899, iben Francesco Saverio Caruana u Marianna Bonnici. Huwa studja l-arti tal-pittura taħt il-pitturi Lazzru Pisani u Ġużeppi Duca. Ġużeppi Marija Caruana pitter diversi xogħlijiet tal-arti f'ħafna knejjes. Huwa miet nhar l-14 ta' April 1964.

Fil-gwerra, xi wħud mill-kwadri ġarrbu ħsarat fil-gwarniċi meta bomba laqtet il-faċċata tal-knisja f'April 1942. Madankollu, b'xorti tajba, l-ebda kwadru ma ntilef. Il-Via Sagra ġiet restawrata bejn l-1992 u l-1994. Ix-xogħol ta' restawr fl-iskultura tal-gwarniċi sar minn Bro. Charles Azzopardi, Kapuċċin, waqt li x-xogħol tal-induratura tagħhom sar mid-ditta Darmanin tal-Belt Valletta. B'kollox tħallset is-somma ta' 5,920 lira Maltin.

Il-Via Sagra hija mżejna bi brazzi tar-ram, bokkini bi fjuretti u girlanda tonda tal-ganutell mas-salib ta' kull stazzjon. Fir-Randan issir il-festa tal-Via Sagra b'riflessjonijiet fuq kull stazzjon. Dari kien jintrefa' s-salib skolpit bis-simboli tal-passjoni u t-torċetti minn żgħażagħ libsin iż-żimarri vjola tal-bellus. Għal xi żmien il-Via Crucis bdiet issir ukoll fit-toroq f'xi żona tal-parroċċa u kienet

tinġarr l-istatwa ta' Ġesù inkurunat bix-xewk magħrufa bħala Ġesù Nazzarenu, maħduma mill-istatwarju Wistin Camilleri mir-Rabat Għawdex.

B'hekk tajna ħarsa ħafifa lejn din l-opra sabiħa tal-arti li qed tkompli ssebbaħ il-knisja tagħna anki fi żmien il-festa. Fuq kollox importanti li l-Via Sagra twasslilna l-messaġġ tat-tbatija u l-passjoni tal-Mulej Ġesù u meta nieqfu nħarsu lejha nirriflettu fuq dak li naraw impitter quddiemna.



*It-II stazzjon*



*It-III stazzjon*



*L-istatwa tan-Nazzarenu li kienet tinġarr fil-Via Sagra*



*Ir-IV stazzjon*



*Il-V stazzjon*



*Is-VI stazzjon*



*Is-VII stazzjon*



*It-VIII stazzjon*



*Id-IX stazzjon*



*L-X stazzjon*



*It-XIII-il stazzjon*